**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SITTAX**

**20ta' AWWISSU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| **16.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
|---|---|---|
| | | |
| 16.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa bil-fomm, li ma setgħax jattendi minħabba xogħol. |
| | | |
| 16.1.2 | | Fir-rigward punt 15.4.3 il-Kunsillier Kenneth Farrugia, staqsa fuq il-mera fi Triq Bronja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li marret mal-kuntrattur u r-residenta tal-faċċata oġġezzjonat li ssir mera fuq arblu mal-parapett tagħha. Jekk titwaħħal f'post ieħor ma tkunx tajba għal min qed jitlobha. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 16.1.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa lis-Sindku, fuq ir-rikonoxximent ta' l-ex Kunsillier Joseph D'Amato, li ma kienx ingħatalu għaliex ma attendix għall-attivita tal-ġieh. Is-Sindku qalet li ser tagħti r-rikonoxximent lil Joseph D'Amato f'ħinu u f'waqtu, meta ser tiddeċiedi hi. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia insista b'argument biex dan ir-rikonoxximent jingħata u talab id-data ta' meta ser jingħata u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tressaq dan l-item fuq aġenda li jmiss. |
| | | |
| 16.9.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni fuq 15.9.1 fuq l-ewwel punt. Qal li mhux sew li biex il-Kunsill ta l-għajnuna lill-persuna waħda, inġibet f'sitwazzjoni ħażina lil persuna oħra. Hu saħaq li dan mhux sew. Hu qal li s-Segretarju Eżekuttiv, kellha tinforma lill-Kunsill qabel ma jsir ix-xogħol.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jekk titneħħa l-kaxxa s-safra li għamel il-Kunsill, sid id-dar għal min intalbet, ser jikteb lill-Kunsil legalment li l-bankina trid titwessa.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li jerġa jsir kollox kif kien qabel is-seduta preċedenti. |
| | | |
| **16.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 16.2.1 | | Il-minuti numru 15 ġew approvati. |
| | | |
| 16.2.2 | | Kien hemm qbil li l-item 16.6 jiġi mitkellem issa. |
| | | |
| ***16.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 16.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Kellha laqgħa mal-Onor. Ministru Julia Farrugia fejn staqsiet f'hix tista tgħin. Qalet li kull fejn hawn AED machine ser tiġi organizzata lezzjoni fuq kif tintuża. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Iż-Żurrieq FC ilu jaħdem fuq sena, biex jibdew isiru lezzjonijiet għat-tfal bl-awtiżmu. Hu qal li jkun grat li jkollu l-għajnuna tal-Ministru fuq dan.<br>• Kellha laqgħa ma' Project Green fuq il-proġett ta' Misraħ il-Karmelitani. Persuna offriet frejgatina bla ħlas, biex issir parti mill-proġett. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet jekk ikun hemm bżonn manutenzjoni tagħha, hemm fondi għal dawn il-każijiet. Is-Sindku ikkonfermat li l-manutenzjoni fl-ewwel 5 snin issir mil-kuntrattur li ser jagħmel il-proġett u wara l-manutenzjoni issir minn Project Green stess. Il-Kunsill mhux ser ikollu x'jaqsam mal-manutenzjoni.<br>• Kellha laqgħa ma' IM, OPM u mal-Onor. Ministru Miriam Dalli fir-rigward tal-proġett li ser isir f'Misraħ Santa Marija. Waqt il-laqgħa ġie ssuġġerit biex tinkiteb ittra uffiċċjali lill-MTA u Lands Department, biex jekk jista jkun ma jingħatawx permessi għal-imwejjed u siġġijiet. Kien hemm qbil fuq dan, filwaqt li l-Kunsilliera f'isem il-PN astjenew u qalu li ser iżommu ma dak li kienu qalu f'seduti preċedenti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Kellha laqgħa mas-Sinjura Angie Lause – tixtieq tiffilmja attivita fiż-Żurrieq u ingħatat id-data tas-7 ta' Diċembru għall- Christmas village.<br>• Tkellmet mas-Sur John Tonna għax irid li jagħmel it-tieni edizzjoni tal-ktieb Iż-Żurrieq u Sbuħitu. Għall-ewwel edizzjoni tal-ktieb, kienu saru 500 ktieb li ħafna minnhom ingħataw b'donazzjoni mill-Kunsill, lill-persuni distinti jew lil min deher li kellu jingħata u meta fuq qbil mill-kunsill kienet ġiet ippubblikata replika għal 500 ktieb ieħor kull ma inbiegħu kienu ftit kotba biss. Fadal konsenja sħieħa fil-Kunsill. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm xi skema biex toħroġ il-fondi għat-tieni edizzjoni, l-Kunsill lest li jieħu d-deċiżjoni li jsir.<br>• Is-Sur Mario Salerno qal li jixtieq jagħmel lecture fuq il-bidja f'Ottubru. Kien hemm qbil fuq dan. Ġie ssuġġeriet li javża x'ser ikunu l-punti fuq l-Aġenda tal-laqgħa u li l-laqgħa issir fil-kwartieri tal-iscouts, ġaladarba biex issir fl-iskola, il-Kunsill qed ikollu jħallas.<br>• Ir-Reġjun Punent taw data tal 4 ta' Ottubru, biex isir żbir taż-żebbuġ. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fir-rigward tal-kaxxi sofor li qed jaċċetta l-Kunsill. Waħda mil-kaxxi s-sofor li saret mill-kunsill qed ikollna ħafna ilmenti mir-residenti tal-akwata fuqha. Hi ssuġġeriet li dawn it-talbiet isiru direttament ma' TM. Kien hemm qbil li f'każijiet simili, il-Kunsill għandu jitlob għal ċertifikat mediku.<br>• Persuna oħra talbet kaxxa safra quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Leli Camilleri. Kien hemm qbil li ġaladarba għandu garaxx street level mad-dar, ma kienx hemm qbil li issiru kaxxa safra ukoll. |
| | | |
| ***16.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 16.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• f'Wesgħa Frangisk Bugeja hemm taraġ biex jiġi irranġat. Tkellmet ma' diversi entitajiet biex jinkesa dan it-taraġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba uffiċċjali lill-PW fuq dan.<br>• Biex issir notice board mal-faċċata tal-Kunsill, li anke tixgħel bil-lejl. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 16.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li sfortunatament il-bieraħ kellha tirrikori għall-għassa tal-pulizija taż-Żurrieq. Dan kollu fuq il-cat cafe. Hi qalet li l-iskop tal-cat cafe kien li fost l-oħrajn, jilqa qtates *injured* jew li jkunu għadhom kemm affaċċjaw operazzjoni. **Dok2.**<br><br>Hi qalet li fil-Kunsill kien daħal rapport minn resident fi Triq Karmnu Zammit, li kien hemm qattusa bil-friegħ barra, biex jiġu miġbura. Peress li ma kienx hemm struttura addattata għal kittens ġol-cat cafe, dawn ma ddaħlux. Fil-cat cafe hemm gaġġeġ kbar biex iservu bħala recovery cages u post adekwat biex jitħallew friegħ ma kienx hemm. Dawn il-friegħ faċli joħorġu min-net u ma qtates kbar ma |

| | | |
|---|---|---|
| | | jistgħux joqgħodu, għalhekk kienet tkun deċiżjoni ħażina kieku ġew imdaħla fil-cat cafe.<br>Meta sar post adekwat għalihom, l-Kunsillier Marisa D'Amato talbet lill-feeder/trapper, biex jittrepja dawn it- 3 friegħ u lil ommhom biex iġibhom fil-cat cafe. Dawn il-friegħ kienu ilhom 5 ġimgħat fil-cat cafe u kif bdew jikbru, ġie innutat li ma kienux addattati għal ġol- gaġġa u laqnas tajbin għal barra. Peress li dawn il-friegħ bdew jikbru, l-gaġġa ġiet ristretta għalihom u għalhekk ġew spostjati għall-gaġġa akbar, fil-parti tal-cat cafe fejn hemm il-kumplament tal-qtates. Dawn il-friegħ tpoġġew ġo kaxxa akbar. Il-persuna li qabadhom, insista li joħodhom għand fosterer li kienet lesta li toħodhom sakemm jinstabilhom home fissa. Din hi l-prassi ta' kif jimxu shelters oħra. Sadanittant l-omm tal-qtates ġiet imsewwija u għadha fil-cat café.<br>Il-qtates marru għand il-fosterer kif ried il-feeder u b'ingann feeder oħra ħadithom u għamletilhom microchip, fuq isimha mingħajr permess u kitten minnhom kellha tibgħatu l-Ġermanja u għandha l-passaport lest.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jeħtieġ li issir formola biex dawk li jaddottaw jimlewha qabel jittiehdu l-qtates, mill-cat cafe.<br>It-tieni feeder imsemmija, bagħtet email lill-kunsill fejn qalet li l-friegħ kienu mal trattati u kollha briegħed. Għalhekk il-Kunsillier marret tagħmel rapport l-għassa fuq dawn l-akkużi. Hi qalet li l-kunsill ma jafx min hi l-fosterer li kellha tieħu ħsieb dawn il-friegħ.<br>L-ewwel feeder imsemmi, illum mar il-cat cafe mal-Kunsillier Marisa D'Amato u ħa qattus li kellu hu u li kien qed jinżamm fil-cat cafe.<br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hi biddlet iċ-ċwievet tal-cat cafe u kienet hi u feeder fdata biss li kellhom kopja.<br><br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato talbet li l-cat café għandu jkun amministrat mill-Kunsill biss u li l-ebda feeder, trapper jew NGO ma jkollha dritt tiddetta jew timpani affarijiet fuqu. Hi qalet ukoll li kull qattus li jidħol fil-cat café ser jiġi chipped fuq il-Kunsill mill-ewwel. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Bħalissa qed jinħadem catio biex jintuża għal kittens, ħalli jekk ikun hemm il-ħtieġa dawn jitpoġġew fih.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li t-trappers jiffirmaw dokument qabel ma jaqbdu l-qtates li jkunu jridu jdaħħlu fil-cat café, li tali qtates ġaladarba jiddaħlu fil-cat café tal-Kunsill, ma jkollhom l-ebda dritt għalihom. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 16.4.<br>2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Issir refresh marki tat-toroq fejn l-iskejjel<br>• Wara il-festa ta' Santa Katarina jinħaslu t-toroq – Triq il-Kbira u l-madwar u z-zuntier tal-knisja.<br>• Isir tindif ta' culverts madwar iż-Żurrieq.<br>• Suġġriment biex it-tfal tal-iskola jmorru fil-cat café bħala outing u meta jagħtu donazzjonijiet ta' ikel lis-santwarji jaħsbu fil-cat café taż-Żurrieq ukoll. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsill jitlob lill-Project Green biex isir refurbishment tal-ġnien ta’ quddiem l-iskola.<br>• Fuq clean up day - biex isir tindif fil-parti tal-baħar fejn Wied babu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Sqaq Osswarju - hemm bozza ġdida mhux imqabbda mill-Enemalta |
| | | |
| 16.4.3 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet:<br>• Fi Vjal l-Indipendenza hemm mera fuq arblu li tinsab mgħottija bis-siġar li ħerġin minn residenza. Kien hemm qbil li tali siġar jiġu ordnati li jinżabru minn sidhom.<br>• Hemm bozza maqtugħa fi Triq ta’ Ciantar.<br>• Fi Triq Ġużeppi Mattew Callus intalbet bozza ġdida. Kien hemm qbil li jekk jaċċettaw ir-residenti ta’ fejn trid teħel din issir.<br>• Talba biex jerġa jsir bus stop fi Triq Bubaqra. Kien hemm qbil li ġaladarba ħadd ma jaċċettah quddiem ir-residenza tiegħu dan ma jintalabx. |
| | | |
| 16.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Mar Pedara fuq ġita personali u kellem lill-kunsillier ta’ Pedara li hu ġemellat maż-Żurrieq. Dan bagħat iselli ħafna għas-Sindku Rita Grima u talab biex ikun hemm skambji ta’ mawriet bejn Pedara u Iż-Żurrieq.<br>Kien hemm qbil li tinkiteb email fuq dan ir-rigward lill-Kunsill ta’ Pedara fejn il-Kunsill jistaqsi meta hu l-aħjar żmien (ġranet li residenti żrieraq jitilgħu Pedara fuq mawra).<br>• Isem ta’ Triq San Mikiel jinsab imkisser. Kienhemm qbil li jiġi ordnat.<br>• Biex isir reċipjent għal skart organiku fi Triq E Grech, kien hemm qbil li jitwaħħal quddiem min qed jitolbu. |
| | | |
| | | |
| 16.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• Fi Triq Santa Agatha fejn hemm is-siġar bin-netting magħhom hemm bżonn li titwaħħal tabella biex ma jarmux żiebel. |
| | | |
| ***16.5*** | | ***Evalwazzjoni ta’ KLZ67/01/2025 – Tender for the Services of an electrician*** |
| | | |
| 16.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-offerenti li applikaw għat-tender imsemmija:<br>• Coreworks Ltd – 20E -is siegħa<br>• Ian Portelli - 24.70E - is siegħa<br>• Industrial Services – 28E -is siegħa<br><br>Wara li l-aġġudikaturi fetħu u aġġudikaw it-tender, is-Segretarju Eżekuttiv reqet ir-rapport tal-evalwazzjoni. Wara kjarifika li talab il-bord u ġiet risposta pożittiva, |

| | | |
|---|---|---|
| | | kienet il-kumpanija Coreworks Ltd, li instabet li hi l-orħos u li laħqet il-kriterji mitluba biex tieħdu din l-offerta.<br>Kien hemm qbil fuq dan.  Jiffirma dokument li jekk tiġi persuna oħra taħdem f'isem persuna il-persuna liċenzjata, it-tender titwaqqa.  Kien hemm qbil fuq dan.<br>**Dok 3 mehmuż**. |
| | | |
| | | |
| ***16.6*** | | ***PA04861/25 – Preżenti l-konsulent tal-Awtorita' tal-Ippjanar*** |
| | | |
| 16.6.1 | | Is-Sindku laqgħet lill-Perit (konsulent tal-Awtorita' tal-Ippjanar).<br><br>Il-Perit qal li hemm numru ta' applikazzjonijiu diskussi.<br>• PA 4853/25 fi Triq l-Imqabba, hi farmhouse li kien ħareġ permess ilu.  M'hemmx każ ta' oġġezzjoni.<br>• PA 5026/25 – Sit fi Trejqet in-Nigret – dan ġnien li hemm applikazzjoni biex isir binja b'faċċata ta' 3 sulari. Kien hemm qbil li ssir oġġezzjoni biex ma jsirux it-12 -il flat imma inqas.<br>• PA 4743/25 – Permess għall-Petrol station ġdida f'Ħal Far faċċata ta' ETC.  Kien hemm qbil li issir oġġezzjona.<br>• PA4861/25 – Tal-Garden of Eden – Kien ħareġ l-outline permision u issa applikaw għall-permess full. Ħareġ il-permess biex il-parkeġġ isir ġnien privat. Permess hu fuq iż-żona ta' fejn hemm is-sala tat-tiġijiet li hemm iktar intensifikazzjoni.  Ser jiżdiedu xi bungalows u basements.  Kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona fuq iżjed bini minn dak li kien aċċetta l-Kunsill qabel.  Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tgħaddi l-korrispondenza u l-minuti kollha fuq il-każ meta ġie diskuss f'leġislazzjonijiet preċedenti.<br>• Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa jekk il-Kunsill għandux bil-miktub li l-art tal-Bebbux mhux ser tinbena.<br>Is-Sindku qalet li dak li jkun intqal fil-parlament ikun ippubblikat u jkun uffiċċjali. Dan kollu sar mill-Ministru Owen Bonnici fil-parlament, għalhekk ma jkunx hemm il-bżonn li l-Ministru jibgħat bil-miktub.<br>• Il-perit/konsulent qal li r-rationalisation area kollha ser tintmess, u hu ssuġġerixxa biex il-Kunsill jagħmel pressjoni mal-Ministru biex ma jinħariġx kunsens għall-bini fuq artijiet tal-gvern.  Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***16.7*** | | ***Ħin tal-ġbir tal-iskart*** |
| | | |
| 16.7.1 | | Kien hemm qbil li l-iskart jibqa filgħodu , minħabba l-ħsejjes li jagħmlu l-kolletturi, u minħabba nuqqas ta' dawl biex jidher l-iskart barra.<br><br>Is-Sindku qalet li tal-BCRS, qed jiġu fiż-Żurrieq, b'appunatment u jiġbru l-fliexken mingħand l-anzjani bieb bieb. Is-sistema qed titħaddem tajjeb ħafna. |
| | | |
| ***16.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***16.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 16.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br><br>• Fuq il-ħnejja (Blue Grotto) intramat gabbana li ilha hemm sa mis -26 ta' Lulju żgur, mingħajr il-permess tal-Kunsill. Dawn ġabu ukoll id-dawl temporanju mingħajr il-permessi tal-kunsill. Dawn qasmu l-bankina b'cable tal-Enemalta, għaddew il-cable minn wara l-ħajt tan-niżla tal-belleveder u twaħħlet kaxxa imsakkra b'katnazz. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għamlet rapport lill-Pulizija, u dawn bagħtu lis-sid jirregola ruħu mal-Kunsill. Meta ġew fil-Kunsill, ġew mitluba jħallsu permess mid-data li ramaw sal-ġurnata ta' għada 21 ta' Awwissu, sakemm il-Kunsill jiddeċiedi li ma jagħtix permess lill-gabbana eżistenti sakemm jibgħat email uffiċċjali u jipprovdi kull dokument meħtieġ lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jitlob lill-pulizija għall-għajnuna biex titneħħa l-gabbana u jitneħħa l-cable li għamel fuq il-bankina.<br>• Persuna fi Triq il-karmnu qed titlob li issir bollard metru 'l bod mil-garage tagħha minħabba li l-vetturi qed jostakolawlha l-garage. Kien hemm qbil li jiżdied id-double yellow line u jitneħħa parkeġġ ta' mutur.<br>• Ilu xhur persuna li kienet qed tirrinova sit fi Triq il-Kbira k/m Triq San Gwann avviċinat lill-Kunsill biex issirilha bankina madwar is-sit. Din it-talba kienet biex il-bankina tiġi ħafna aktar 'l isfel mil-livel tal-bankina eżistenti fi Triq il-kbira, għalkemm m'hemmx garaxx, u l-bankina kienet ser tostakola t-traffiku għax iddejjaq it-triq. Għalhekk din ma saritx. Il-ġimgħa l-oħra, ġew biex jaħdmu ħaddiema minn Infrastructure Malta u talbu permess għal no parking signs u makkinarju. Tkellimna ma' IM u imponejna tali bankina, għaliex barra Triq il-Kbira kienet ser tidjieq ħafna ukoll Triq San Gwann. Residenti minn Triq San Gwann oġġezzjonaw ukoll għal din il-bankina għaliex ma kienx ser ikollhom aċċess biex biex jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom. Wara dawn l-oġġezzjonijiet, IM ħarġet ordni biex fi Triq San Gwann minflok issir bankina, isiru 6 U bars mal-ġemb tas-sit inwistjoni. Pjanta annessa **dok 1.** Kien hemm qbil unanimu li jibqa kollox kif inhu u ma jsir l-ebda żvilupp. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Talba biex terġa issir car show fi Vjal ix-Xarolla fil-5 ta' Ottubru u jħallu aċċess għall-vetturi jgħaddu mis-service road, inkluż it-trasport pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li minflok jinġabru donazzjonijiet, bil-flus jitħallsu l-ispejjeż tal-attivita li tlaħħaq dejjem madwar 2,800E. Ma kienx hemm qbil li terġa issir f'din is-sena u tibda issir darba f'sena biss. |
| | | |
| | | |
| ***16.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 16.10<br>.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 49, 50 u 51. |
| | | |
| ***16.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 16.11<br>.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €91,185.22<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ħa gost li l-Kunsilliera żdedu fl-onorarja.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Marilyn Sammut. |
| | | |
| ***16.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 16.12<br>.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 Settembru, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Settembru, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**